MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1563/2005

**Carmelina sive Marlene Scicluna**

**vs**

**Nadia Pace u Ahmed Grosaibat**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-attrici tablet hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm354) dovuta kwantu ghal mija u sitta u tmenin lira Maltija (Lm186) in konnessjoni ma kompjuter u accessorji mixtija minghand il-konvenuti u li ghadu fil-pussess taghhom u kwantu ghal mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm168) in konnessjoni ma' debitu tal-konvenuti lill Water Services Corporation liema debitu gie mhallas mill-attrici ghan-nom u f'l-interess tal-konvneuti bhala self fuq inkarigu ta'l-istess konvenuti

b’l-imghaxx u b’l-ispejjez inkluz dawk ta’l-ittra interpellatorja.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b’l-avviz fil-15 ta’ Novembru 2005, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm354) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------